# KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR

Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/11(09_03_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-3 ta' Marzu 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Approvazzjoni tal-'Financial Statements' 2010.
6. Diskussjoni dwar il-Laqgħa tal-Lokalita'.
7. Sejħa għall-offerti għal Architectural & Management Study & Plans.
8. Karnival fil-Munxar 2011.
9. Tifkira lill-Professur Ġużè' Aquilina.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 23219 rigward dawk il-lokalitajiet li ħadu fondi mill-Unjoni Ewropea fuq l-attivitajiet kulturali għas-sena 2011.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Użu tas-Sistema tal-*Customer Care*'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Ftehim Kuntrattwali dwar ix-Xogħlijiet ta’ Manutenzjoni fuq l-Oqsma tal-Bini tal-Gvern’.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 23980 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li jibbenefikaw mis-servizzi li joffri l-Gvern bħal Appoġġ, Sedqa eċċ.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 23983 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li għad għandhom numru ta’ toroq li jaqgħu fir-responsabbilta’ tagħhom, li ma jistgħux isiru x-xogħlijiet fuqhom.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 23992 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li qed jużaw l-*Internet Banking* 24x7.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 23993 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li għadhom jixtru servizzi klerikali.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24006 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li fil-preżent għandhom pjan u applikaw għal djar ta’ l-anzjani.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Din l-Art Ħelwa rigward attivitajiet li ser isiru fir-Rebbiegħa fil-Majjistral Nature and Historic Park.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport fejn ingħatat aktar informazzjoni rigward l-‘SportMalta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali’ u rigward l-*International Performers* li ser ikunu Bay Street, San Ġiljan fid-29 ta’ Jannar 2011.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Tourism and Sustainable Development Unit, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-‘EDEN IV – Regeneration of Physical Sites’.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward ‘Local Councils and NGO’s meet NCPs (National Contact Points) and MAs (Managing Authorities) series’. Is-sessjoni tax-xahar ta’ Frar 2011 Eurodesk Malta and the EuroMed Youth Platform within the Union Programmes Agency (EUPA) ser issir fis-7 ta’ Frar 2011, f’ Dar l-Ewropa, Valletta.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Insaħħu l-Komunita’: Riġenerazzjoni f’ Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern’.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Festa Ġemellaġġi 2011’.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward l-‘Information Session: Healthy Eating’ fl-24 ta’ Frar 2011, f’ Dar l-Ewropa, Valletta.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Karaoke World Championship Team Malta rigward il-Karaoke World Championship 2011, mit-8 sa l-10 ta' Settembru 2011, l-Irlanda.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Funding 360: MEUSAC launches new online newsletter'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proġetti permezz ta' l-iskemi maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.19 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari sabiex il-Kunsill jattendi għal djalogu pubbliku rigward il-bini ta' mina taħt qiegħ il-baħar biex tgħaqqad lil Għawdex ma' Malta, fis-6 ta' Frar 2011 fil-Grand Hotel, l-Imġarr.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 10/2011 – Punti mqajjma mis-Sindki waqt laqgħa maċ-*Chairman* tal-MEPA.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand DConsulta Limited rigward 'Chance to win the EDEN award' għas-sena 2011.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Heritage Malta rigward l-attivita' 'Vari Proċessjonali tal-Festa Maltija – Ikoni Ewlenin ta' Identita' Lokali u Nazzjonali', mill-11 ta' Frar sat-3 t' April 2011 ġewwa l-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija, l-Palazz tal-Inkwiżitur, Il-Birgu.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Institute for Physical Education and Sport, Universita' ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Isport rigward 'Foundations in Coaching Full Course and The Foundations in Coaching Short Courses Launched'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Board Member/Project Manager tal-Proġett KOPIN rigward 'KOPIN's Second Newsletter: Raising Awareness for Development Cooperation'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mill-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni, Ministeru għal Għawdex rigward il-'Kalendarju Kulturali Annwali 2011'.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand l-Amministratur tat-Tudor Institute of Studies rigward 'Project Management Course'.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Festa Ġemellaġġi 2011'.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-KOPIN u l-SKOP (The National Platform for Maltese NGDOs) rigward il-MEDEVNET Training for NGO's and Local Councils bejn il-15 u 17 ta' Frar 2011, fil-Hotel InterContinental, San Ġiljan.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn qed jitwassal invit mingħand Profs. Erich Buhmann sabiex jiltaqa' ma' Kunsilli li huma interessati fi studju li sar dwar 'Landscape – Architecture Studio Work on a more Sustainable Gozo'.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) rigward il-'KMS u MCF (Malta Cycling Federation) Bike Ride Żebbuġ to Mosta', fit-13 ta' Frar 2011 u l-Bike Ride Schedule 2011.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex fejn qed iwassal *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward *Consultation Session* fil-15 ta' Frar 2011 fl-NGO Centre, Ix-Xewkija dwar in-National Reform Programme.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal *e-mail* mingħand in-National Coordinator tal-INTERREG IVC Programme rigward 'Project proposal: The role of Local Government during crisis'.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 11/2011 – Earth Hour 2011.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed iwassal *e-mail* mingħand it-Tourism and Sustainable Development Unit, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-'EDEN V'.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC minħabba li peress li l-*Consultation Session* dwar in-National Reform Programme tal-15 ta' Frar 2011 tħassret, huwa elenka t-tliet *consultation questions* u ħeġġeġ lir-Rappreżentanti sabiex jibagħtu l-*feedback*.

2.36 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-ħames laqgħa li saret fis-6 ta' Jannar 2011 u l-Aġenda tas-sitt laqgħa ta' dan il-Kumitat.

2.37 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-CareMalta Group rigward in-'Nazzareno Vassallo Award for Initiative in Elder Care'.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Din l-Art Ħelwa rigward 'Forthcoming Events'.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-'Konferenza dwar l-Ilma - SHARP Project' fit-18 ta' Frar 2011, fil-Lukanda Osborne, Valletta.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport rigward 'Events Happening' – Dancesport Cup Malta 2011, fid-19 u 20 ta' Frar 2011 u l-Malta Bouldering Competition, fis-26 ta' Frar 2011.

2.41 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtet lid-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Laqgħa fl-Uffiċini tal-Kunsilli Lokali'.

2.42 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Public Information Committee, Narcotics Anonymous rigward il-Malta 5$^{th}$ National Convention - Never Alone mill-10 sat-13 ta' Marzu 2011 fid-Dolmen Hotel, Il-Qawra.

2.43 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Head of Brussels Office, Union of Cyprus Municipalities, Brussels rigward '2 Partner Searches: Town Twinning and INTERREG IVc'.

2.44 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni rigward il-'World Consumer Rights Day Seminar - Gozo', bis-suġġett 'Insaħħu l-Fiduċja bejn il-Konsumatur u n-Negozji' fit-8 ta' Marzu 2011 fil-Grand Hotel, l-Imġarr.

2.45 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika għall-'Konferenza: Bix-Xogħol Ninvestu f' Soċjeta' b' Saħħitha – Għalik' fil-11 u 12 ta' Marzu 2011, bħala parti mill-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2011.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Primary Science & Environmental Education, fl-Universita' ta' Malta rigward 'Invitation – INCLUD-ED Dissemination Seminar'. Il-Kunsill qed jiġi mistieden għal dan is-*seminar* dwar 'Effective Education in Europe: Strengthening Social Cohesion and Inclusion through Education', fil-11 ta' Marzu 2011, fir-Radisson Blu, San Ġiljan.

2.47 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-European Commission Representation in Malta rigward 'Your Europe Advice and SOLVIT: two European services allowing business and citizens to take full advantage of the Single Market'.

2.48 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) rigward il-'MCVS Invitation for EYV (European Year of Volunteering) 2011'.

2.49 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Local Councils and NGOs meet LIFE+ National Contact Point'. Is-sessjoni tax-xahar ta' Marzu 2011 LIFE+ National Contact Point within the Tourism and Sustainable Development Unit – Office of the Prime Minister (OPM) ser issir fl-10 ta' Marzu 2011, f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.50 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'European Capital of Culture Info Day – 4 ta' Marzu 2011', fejn ser issir laqgħa informattiva dwar il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018, fil-The Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry, Valletta.

2.51 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Bus Shelters'.

2.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal informazzjoni mill-Marketing Executive, PSCA International – Manchester rigward il-'Local Government Procurement Conference 2011' – Tough Times, Practical Solutions fit-18 ta' Mejju 2011, fl-Londra.

2.53 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LIFE+ Focal Point, Tourism and Sustainable Development Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'LIFE+ 2011 Call for proposals' fejn ingħatat informazzjoni dwar *call for proposals* ġdida.

2.54 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Temi Zammit, Universita' ta' Malta rigward il-Konferenza 'Culture across Europe: The case of Malta' fil-11 ta' Frar 2011, f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.55 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Privat fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward akkwist ta' kopji ta' kotba ppubblikati mis-Sur Joe Zammit Ciantar.

2.56 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex fejn qed iwassal *e-mail* mibgħuta mir-Reġjun ta' Emilia Romagna dwar proġett tal-Youth in Action fuq *web-radios* li jmexxuhom iż-żgħażagħ.

2.57 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b' referenza għall-Memo 11/2011 rigward 'Użu tas-Sistema ta' *Customer Care*'.

2.58 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 16/2011 – *Energy Saving Campaign*.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assistent Kummissarju Raymond G Zammit rigward koperazzjoni iktar b' saħħitha u effettiva fil-komunita'.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Emergency Response & Rescue Corps fejn qegħdin jispjegaw is-servizzi li jagħtu f' Għawdex fil-qasam ta' First Aid u għajnuna f' każ ta' Emerġenza u Diżastri.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Mission Fund fejn ġiet spjegata l-ħidma missjunarja u l-għajnuna finanzjarja lil madwar 700 Missjunarji Maltin u Għawdxin li jinsabu f' 40 pajjiż differenti. Il-Mission Fund qed tistieden lill-Kunsill Lokali tal-Munxar sabiex jorganizza attivita' fil-lokalita' b' risq il-Missjunarji Maltin u Għawdxin.

3.04 Il-Kunsill irċieva mingħand it-Transport Malta rigward approvazzjoni għal sena ta' *Reserved Parking* quddiem id-dar 'Mizzi House', Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina, Il-Munxar.

3.05 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident minn Ta' Sannat rigward tiswija ta' Triq il-Kalkara tal-Ġir. F' parti ta' din it-triq it-tarmak m'huwiex imwassal sal-ħajt u qed tkun ta' periklu għal min ikun miexi. Din il-parti tat-triq ser titranġa bil-ħaddiema ta' IPSL.

3.06 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq San Xmun, Xlendi fejn qed jirrapporta grada ma' l-art li għandha parti minnha maqlugħa u għalhekk kull darba li jgħaddi t-traffiku minn fuqha tagħmel il-ħoss.
Is-Sindku kien diġa' qed jieħu l-passi sabiex dawn il-*culverts* jitranġaw.

3.07 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fi Triq San Pawl, Il-Munxar. Hija qed tilmenta għaliex minn meta l-Kunsill neħħa s-*sleeping police* fi Triq Ras il-Bajjada t-traffiku qed jgħaddi bi *speed* eċċessiv u għaldaqstant il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex jieħu azzjoni qabel ma jiġri xi inċident. Is-Sindku kien diġa' kellem lill-*Wardens* dwar sewqan eċċessiv.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident mill-Munxar flimkien ma' informazzjoni rigward żbir ta' siġar, peress li skont hu, ż-żbir tas-siġar li hemm fi Triq Ras il-Bajjada m'huwiex isir sew. Is-Sindku kien kellem lil din il-persuna u spjegalu li ż-żbir ta' siġar qed isir minn nies fuq dak ix-xogħol taħt superviżżjoni ta' persuna kkwalifikata.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Direttur Mużikali dwar l-edizzjoni ta' din is-sena Gaulitana. Dan il-*Festival* ser isir f' April-Mejju 2011 u qed jistieden lill-Kunsill jindikalu jekk għandux bżonn xi *event* fil-lokalita'.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li kienet fuq btala fix-Xlendi. Hija qed tilmenta dwar is-siġar li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi għaliex ser jinqalgħu. Il-Kunsill ser jikteb li din il-persuna fejn jinformaha li l-proġett propost mill-Ministeru għal Għawdex huwa li jiġu spostjati u mhux jitneħħew kompletament.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward sensiela ta' 13-il programm ta' nofs siegħa il-wieħed fejn ser jiġi pubbliċizzat ix-xogħol li qiegħed isir mill-Kunsilli Lokali. Irid isir ħlas ta' €951 għal kull programm li Kunsill jipparteċipa fih. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jieħux sehem f' dan il-programm.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Policy Coordinator tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said fejn qed jiġi mistieden sabiex issir il-preżentazzjoni tad-donazzjonijiet li nġabru għall-Community Chest Fund lill-President ta' Malta.

3.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija KIP Għawdex Ltd. fejn qed tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li Triq il-Munxar, il-parti qrib l-ex Andar Hotel, hija perikoluża u t-trakkijiet ma jistgħux jgħaddu minnha liberament. Qed jitolbu sabiex il-Kunsill jieħu l-passi neċessarji biex jitneħħa dan il-periklu immedjatament u f' każ li dan idum ma jitranġa ma jkollhomx triq oħra ħlief li jissospendu s-servizz sakemm jitranġa l-periklu.
Il-Kunsill kellem kemm-il darba lid-Direttur Proġetti u Żvilupp dwar dak il-periklu.

3.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Uffiċjal Edukattiv fis-Studji Soċjali. Huwa qed jistaqsi dwar jekk teżistix xi pubblikazzjoni ta' l-istorja tal-Munxar.

3.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna informati li ma jistax jingħata xi rimbors ta' spejjeż jekk it-talba ma tkunx akkompanjata b' rapport tal-Pulizija. Il-Kunsill talab lir-resident li għamel ħsara fit-*tyre* tal-karozza minħabba s-*sleeping police* ta' Triq Ras il-Bajjada sabiex jagħmel rapport lill-Pulizija u fil-fatt hekk għamel. Issa mat-talba ta' kumpens qed iżid spejjeż ta' €6.99 li huwa nefaq sabiex ġab ir-rapport tal-Pulizija. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment jagħti approvazzjoni biex il-ħlas ikun jinkludi l-ispejjeż tar-rapport tal-Pulizija.

3.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija AGL Design Landscape fejn qed jistieden lill-Kunsill sabiex jidentifika post fil-lokalita' sabiex jiġi ddisinjat għall-użu tal-komunita' u jiġi inkluż fi programm fuq it-TV.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 02/11(09_03_11).

**5.00 Approvazzjoni tal-'Financial Statements' 2010.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Annwali u l-*Financial Statements* ta' Jannar 2010 sa Diċembru 2010. Għal din is-sena qed ikun ikkalkulat li ser ikun hemm *surplus* ta' €16,065. Għaldaqstant meta jsir l-*Audit* tas-sena u jkun ikkonfermat l-ammont eżatt ta' *surplus*, jiġi kkalkulat għand min ser imur hux għand il-Kunsill jew għand il-Kumitat Amministrattiv.

**6.00 Diskussjoni dwar il-Laqgħa tal-Lokalita'.**

6.01 Il-laqgħa tal-lokalita' saret nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2011, fl-4.30 ta' filgħaxija. Persuna waħda attendiet u minn-naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.
Din il-persuna ilmentat dwar sewqan eċċessiv ta' traffiku li jgħaddi minn Triq San Pawl għal Triq Ras il-Bajjada u vice versa.
Qed isir *dumping* ta' materjal f' tas-Sanap.
Issuġġeriet li jsiru *bins* għall-ħmieġ tal-klieb.
Faħħret is-servizzi li qed joffri l-Kunsill fl-indafa.

**7.00 Sejħa għall-offerti għal Architectural & Management Study & Plans.**

7.01 Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti MXR/001/2010 - Architectural and Management Study & Plans dwar Measure 323 and 313 - Conservation of Il-Munxar and the Promotion of Rural and Cultural Tourism.
Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Jannar 2011 u nstabet offerta waħda:

(1) Perit William Lewis - €8,850.00.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lill-Perit William Lewis peress li kienet l-unika offerta u l-prezz mitlub kien orħos mill-ammont ibbaġitjat.

**8.00 Karnival fil-Munxar 2011.**

8.01 Il-Kunsill Lokali organizza l-Karnival fil-Munxar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu 2011. F' din is-Serata kien hemm żfin minn kumpaniji ta' skejjel u oħrajn.

**9.00 Tifkira lill-Professur Ġuże' Aquilina.**

9.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill flimkien maċ-Circolo Gozitano joħorġu timbru ta' l-id fis-7 t' April 2011 u jinqasmu l-ispejjeż. Il-Kunsill ser ikun mitlub iħallas €120.

9.02 Is-Sindku kellem lit-tifel u tifla tal-Professur Ġuże' Aquilina dwar bust tal-Professur u issa l-pass li jmiss huwa li niġbru stima sabiex tittieħed deċiżjoni finali.

9.03 Rigward irħama mad-dar tal-Professur, is-Sindku informa lill-Kunsill li rridu nġibu permess mingħand is-sidien li preżentament qed joqgħodu fid-dar.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu kemm tlesta x-xogħol fuq ir-restawr ta' l-istatwa ta' Sant' Indrija. Baqa' biss li ssir id-dijadema ta' l-i*Stainless Steel*.
Kien beda x-xogħol fuq it-triq li ċediet fil-kantuniera viċin l-ex Andar Hotel iżda peress li dan beda jumejn qabel il-ġranet tal-Karnival, dan ix-xogħol waqaf sabiex ma jingħalaqx l-aċċess għax-Xlendi. Dan ix-xogħol ser isir mid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp.

**11.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

11.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi kien skużat peress li kien imsiefer.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku attenda laqgħa organizzata mill-Malta Standards Authority rigward *safety* fil-*Playing Fields*. Attenda laqgħa ma' BirdLife Malta u ġie spjegat lilhom dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn ġie diskuss laqgħa ta' kull xahar mal-Ministeru għal Għawdex u t-*tender* għall-*Wardens* li ġiet sospiża.

12.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jiġi kkunsidrat li fl-*embellishment* tal-Pjazza tal-Knisja d-dwal għaż-*Zebra Crossing* isiru *solar* sabiex dawn ikunu jistgħu jitneħħew jekk issir xi attivita' u rigward il-*Bus Shelter* tal-Pjazza għadha trid issir applikazzjoni mal-MEPA.

12.03 Is-Sindku tkellem ma' Dr Ray Xerri il-President tal-Għaqda Każini tal-Baned u lest jgħin fl-attivita' li ser issir fil-21 ta' Mejju 2011 Eku mill-Munxar...dari u llum – Festival ta' Baned. F' din l-attivita' ser ikunu mistiedna tliet baned. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jaħtar Kumitat sabiex jieħu ħsieb din l-attivita'. Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Patrick Grima aċċettaw li jkunu membri f' dan il-Kumitat li ser jiltaqa' apparti mil-laqgħa tal-Kunsill.

12.04 Is-Sindku ġie avviċinat mill-organizzaturi ta' l-attivita' għal Puttinu Cares fejn ser tittella' Wirja ta' Vetturi fil-Pjazza tal-Knisja nhar is-Sibt, 7 ta' Mejju 2011. Il-Kunsill huwa lest li jħallas għal *Warden* jekk ma jkollhomx Pulizija.

12.05 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa mal-*Paying Office* rigward il-Miżuri 323 u 313.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li flimkien mas-Sindku attenda għal-laqgħa mas-Sur Joe Magro Conti, Uffiċjal tal-EIPP fi ħdan il-MEPA rigward kontijiet li għadhom iridu jitħallsu minnu lill-Kunsill dwar xogħlijiet fuq il-magna u l-apparat tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Is-Sur Magro Conti informa lill-Kunsill li fond approvat kien hemm €23,000 u għaldaqstant il-Kunsill irid jerġa' japplika sabiex jingħata l-bqija tal-fondi li jammontaw għal madwar €18,000.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Is-Sur Patrick Grima staqsa x' kien ġara dwar il-*merry-go-round* li ma kienitx twaħħlet fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u li suppost kellha titwaħħal fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Is-Sindku kien ser ikellem lill-Perit sabiex din titwaħħal fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.

Huwa staqsa wkoll dwar it-tinda li kellha ssir mill-Lukanda St. Patrick's peress li l-Kunsill kien neħħa fanal sabiex jagħmel wisa' għat-tinda u din it-tinda għadha ma saritx. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-pjanijiet huma li l-imwejjed jitpoġġew man-naħa tal-bini.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li s-siġar tal-Pjazza tal-Knisja jinżabru mill-qiegħ imbagħad 'il quddiem jingħataw forma ta' ballun.

15.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-Pjazza jitpoġġew *pots* bis-siġar taċ-Ċitru.

15.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin ser isiru toqob għall-arbli fid-daħla tal-Munxar u xi toqob għall-armar fil-Pjazza.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 27 t' April 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***